II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-13 ta' Lulju 2009

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

(2009/729/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi tal-AKP.

(2) In-negozjati għal Ftehim Interim ta' Sħubija, li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"FSE interim") ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 mal-Papwa Ginea Ġdida u mar-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi.

(3) L-Artikolu 76(3) tal-FSE interim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ.

(4) Il-FSE interim għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità u applikat fuq bażi provviżorja soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati tal-Paċifiku huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-imsemmi FSE interim.

It-test tal-FSE interim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bil-poter li tiffirma/jiffirmaw il-FSE interim f'isem il-Komunità Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-FSE interim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja kif previst fl-Artikolu 76(3) tal-Ftehim, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni. Il-Kummissjoni ser tippubblika notifika li tagħti tagħrif dwar id-data tal-applikazzjoni provviżorja.

Magħmula fi Brussell, 13 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
E. ERLANDSSON